MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2008

Numru. 1127/2006

**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**

**ILLUM 13 TA' MARZU, 2008**

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR J. BORG**

**KONTRA**

**CLATYON XUEREB**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Clayton Xuereb maghruf bhala s-Sloy ta 19 il-sena, bin Carmel u Josephine nee' Schembri, imwieled il-Pieta', fit-13 ta' Settembru 1987, residenti fil-fond: Nru. 87, 'St.Rita', Triq Azzopardi, il-Marsa u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 0409487(M)

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

1. Talli, fil-waqt li kont fi Vjal Santa Lucia, Rahal Gdid, nhar is-6 ta' Awissu, 2006, ghall-habta tal-5.15 ta' wara nofsinhar, minghajr il-hsieb li toqtol jew tqieghed il-hajja ta' Shaun Demicoli minn Birkirkara f'periklu car, ikkagunajtlu ferita ta' natura gravi, permezz ta' tornavit, kif iccertifikat minn Dr. Anton Bugeja M.D. (Warrant Mediku Nru. 2466) tac-Centru tas-sahha ta' Rahal Gdid, liema ferita iggiblu mankament jew sfreggju fil-wicc u fi drieghu ix-xellugija u dana bi ksur ta' l-artikili 216 (1) (b) u 217 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Billi int akkuzat ukoll talli, nhar is- 6 ta' Awissu, 2006, ghall-habta tal-5.15 ta' wara nofs in-nhar, filwaqt li kont fi Triq tal Barrani, limiti ta' Hal Tarxien u fi Vjal Santa Lucia, gewwa Rahal Gdid, soqt bil-vettura ta' l-ghamla Renault, mudell Clio, bin-numru tar-registrazzjoni: JBH-703, b'nuqqas ta' kont, bi traskuragni u b' manjiera perikoluza u dana bi ksur ta' l-Artikolu 15(1) u l-iskeda 2 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi soqt il-vettura ta' l-ghamla Renault, mudell Clio, bin- numru tar-registrazzjoni: JBH-703 b'giri aktar milli jmissek.

4. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kont fi Triq Tal Barrani, limiti ta' Hal Tarxien u fi Vjal Santa Lucia, gewwa Rahal Gdid, u aktar qabel fi

bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, soqt vettura ta' l-ghamla Renault, mudell Clio, bin-numru tar-registrazzjoni: JBH-703, fit-triq jew post pubbliku, meta ma kontx f'kundizzjoni li ssuq minhabba xorb jew drogi.

5. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, filwaqt li kont fi Triq Tal Barrani, limiti ta' Hal Tarxien u fi Vjal Santa Lucia, gewwa Rahal Gdid u aktar qabel fi bnadi ohra tal-gzejjer Maltin, soqt vettura ta' l-ghamla Renault, mudell Clio, bin-numru tar-registrazzjoni JBH-703, fit-triq jew post pubbliku iehor wara li kkunsmajt tant alcohol li l-proporzjon tieghu fin-nifs, fid-demm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt mill-Ligi.

6. Akkuzat ukoll talli, filwaqt li kont fi Vjal Santa Lucia, Rahal Gdid, wara li gejt ipprovokat, ingurjajt lil Shaun Demicoli minn Birkirkara, b'mod li johrog barra mil-limiti tal-provokazzjoni u dana bi ksur ta' l-Artiklu 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. U aktar talli, fl-istess data, lok u cirkostanzi, stedint ghall-glied lil Shaun Demicoli minn Birkirkara.

8. Talli fl-istess data, hin u lok, hebbejt kontra l-persuna ta' Shaun Demicoli sabiex tingurja jew taghmel hsara lill-istess u dana bi ksur ta' l-Artiklu 339 (1) (d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

9. U aktar talli, fl-istess data, hin u lok, ghidt fil-pubbliku kliem oxen u ndicenti u dana bi ksur ta' l-Artiklu 338 (bb) tal-Kap.9 tak-Ligijiet ta' Malta.

10. Talli fl-istess data, hin u lok, volontarjament ksirt il-buon ordni u il-kwiet tal-pubbliku u dana bi ksur ta' l-Artiklu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. Akkuzat ukoll talli, fl-istess data, hin u lok, kellek fil-pussess tieghek mus fil-hin li wettaqt l-imsemmi reati.

12. Akkuzat ukoll talli nhar is- 6 ta' Awissu, 2006 u fil-granet ta' qabel, zamm u garr arma bil-ponta, cioe' mus, minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dana bi ksur ta' l-Artiklu 13(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta.

13. Barra minn dan akkuzat ukoll talli fl-istess cirkustanzi sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta, ppreseduta mill-Magistrat Dr.Silvio Meli LL.D nhar it-2 ta' Dicembru, 2005.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotti;

**Ikkunsidrat:**

Il-kaz in ezami hu wiehed xi ftit jew wisq car u univoku. L-imputat qed jigi akkuzat li wettaq diversi reati in konnessjoni ma' incident wiehed partikolari. Minghajr dilungar zejjed, l-imputat kien qed isuq vettura fid-data u lok in kwistjoni meta f'waqt minnhom kellu diverbju ma' certu Shaun Demicoli, li ukoll kien qed isuq vettura fl-istess direzzjoni mal-imputat. Gara izda lid an Demicoli ghal xi raguni saq ghal fuq l-imputat, sehhet il-kollizjoni u wara nqalghet glieda bl-idejn.

Mill-assjem tal-provi l-Qorti hi aktar minn moralment konvinta li l-kwistjoni kollha inqalghet minhabba l-agir ta' Demicoli, ghalkemm l-imputat – biex ma jurix li hu xi haga anqas minnu – ma ghenx bl-atteggjament tieghu. Madankollu zgur ma jistghux jigu attribwiti lilu certi

imputazzjonijiet li ghalihom qed iwiegeb f'dawn il-proceduri. Fil-fehma tal-Qorti l-imputat ma jahtix ghall-feriti sofferti minn Demicoli. L-anqas ma jahti ghal sewqan eccessiv, meta kien qed jigi segwit mill-istess Demicoli bil-vettura tieghu. Izda l-Imputat kien qed isuq taht l-influwenza tax-xorb, kif ukoll li wettaq xi reati kontravenzjonali minn dawk indikati, u kien recidiv.

Kwantu ghall-piena, in vista li l-imputat huwa recidiv, il-qorti hi tal-fehma li ghandha taghtih opportunita' jitghallem minn dan l-incident, li ghalkemm ma sehhx unikament tort tieghu, xorta ma ghenx biex jigi minimizzat, kif seta' facilment ghamel. Ghalhekk sejra tinfliggi piena pekunjarja flimkien ma' skwalifika tal-licenzja tas-sewqan ghal perijodu skond il-ligi.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 214, 216, 217, 339(1)(d) u (e), 338(bb) u (dd)
tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Artikoli 15(1) u (2), u 15A u 15B tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
U l-Artikolu 13(1) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta (illum l-Artikoli 6
u 7 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta);

Ma ssibx lill-imputat hati ta' l-ewwel (1), it-tieni (2), it-tielet (3), id-disgha (9), l-ghaxar (10), il-hdax (11) u t-tnax (12) imputazzjoni u ghaldaqstant tilliberah minnhom,

Izda issibu hati tar- raba' (4), il-hames(5), is-sitt (6), is-seba' (7), it-tmien (8) u t-tlettax (13) imputazzjoni, u tikkundannah multa ta' elf u hames mitt Ewro (EURO 1,500)

Tordna inoltre li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew jottjeni licenzja

ghal zmien sena mil-llum.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY J VELLA BA, LL.D., MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------